# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020**

**Numru 21**

**Ċitazzjoni numru 1255/91 AE**

**Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc**

**v.**

**(1) Michael Fenech bhala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` kummerċjali "Fenech Oil & Petroleum Company Limited" u (2) Michael Fenech f'ismu proprju**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-Bank attur fil-31 ta' Ottubru, 1991, fejn inghad hekk:

> "Peress li b'kuntratt ippublikat min-Nutar Alexander Sciberras Trigona fis-6 ta' Dicembru 1978, u li kopja tieghu qed tigi hawn esebiti u mmarkata Dok 'A', l-attur nominee ikkonceda 'Overdraft Facilities' lill-konvenut nominee bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija.
>
> "U premess li l-attur nominee jinsab kreditur tal-kovenut nominee fl-ammont ta' dsattax-il elf mitejn u erbghin liri Maltin disa u hamsin

centezmi u hames millezmi (LM19,240-59,5) bilanc ghad-debitu fl-'Overdraft Accounts' tas-socjeta` kummercjali "Fenech & Petroleum Company Limited" mal-Bank of Valletta Limited (Dok 'B1' sa 'B197') u Dok 'C1' sa 'C19') flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1991 sad-data tal-effettiv pagament.

"U premess li bi skrittura privata u datata 8 ta' Gunju 1978. U li kopja fotostatika taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata 'Dok D', il-konvenut Michael Fenech iggarantixxa 'in solidum' mas-socjeta` kummercjali "Fenech Oil & Petroleum Company Limited", a favur tal-attur nominee, id-debiti tal-istess socjeta` kummercjali "Fenech Oil & Petroleum Company Limited" mal-Bank of Valletta Limited sal-ammon ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000-00,0) flimkiena mal-imghaxijiet ulterjuri dekoribbli minn sitt xhur qabel id-domanda ghall-hlas.

"U premess li l-imghaxijiet fuq l-ammont ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000-00,0) ghal sitt xhur jammontaw ghal erba' mitt Liri Msltin (Lm400-00.0).

"U premess li ghalhekk l-attur nominee jinsab kreditur tal-konvenut Michael Fenech proprio fis-somma ta' ghaxart elef u erba mitt liri Maltin (Lm10,400-00,0) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Frar 1991 (data tan-notifika tal-ittra ufficjali) sad-data tal-effettiv pagament.

"U premess li sew il-konvenut nominee u sew il-konvenut proprio gew interpellati, permess ta' zewg ittri ufficcjali datati 26 ta' Dicembru 1990, hawn esebiti u mmarkati Dok 'B' u Dok 'F' sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dwn baqghu kollha inadempjenti.

"Jghid il-konvenut Michawl Fenech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali "Fenech Oil & Petroleum Company Limited"

"(1) Ghaliex m'ghandux, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jigi minn din il-Qorti kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' dsattax-il elf mitejn u erbghin liri Maltin disa' u hamsin centezmi u hames millezmi (Lm19,240-59,5) bilanc ghad-debitu fl-'overdraft accounts' tas-socjeta` kummercjali "Fenech Oil & Petroleum Company Limited" mal-Bank of Valletta Limited flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1991 sad-data tal-effettiv pagament.

"U jghid il-konvenut Michael Fenech proprio, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

"(1) tikkundanna 'in solidum' mas-socjeta` kummercjali "Fenech Oil & Petroleum Company Limited" ihallas lill-attur nomine s-somma ta' ghaxart elef u erba' mitt liri Maltin (Lm10,400-00,0) ammont minnu garantit flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Frar 1991 sad-data tal-effettiv pagament.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta' Dicmebru 1990 u tal-mandati ta' sekwestru u impediment tas-safar kontra persuna li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut nominee u l-konvenut proprio li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Michael Fenech ghan-nom ta' Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. tal-15 ta' Gunju, 1992, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"Illi d-domanda tal-attur ghandha tigi michuda peress illi hija infondata fid-dritt u fil-fatt stante illi:

"i) Preliminarjament l-ammont itlub jinkludi compound interest mahdum kontra l-istupulazzjonijiet tal-Ligi;

"ii) L-attur b'responsabbilita` tieghu zied l-ammont dovut stante illi hallas dazju meta dan ma kienx dovut u minghajr il-kunsens tal-konvenut;

"iii) Bla ebda raguni ma halliex lill-konvenut jinnegozja z-zejt u b'hekk ma halliehx inaqqas il-pretiz kreditu;

"iv) B'rizultat tal-agir tal-attur hawn fuq imsemmi z-zejt li kien storjat fl-aperat iddeterjora tant illi l-konvenut ma setax ibieghu u dan effettwa l-kreditu prezenti;

"v) B'responsabbilita` tieghu l-Bank hallas Letters of Credit lill-fornitur barrani meta l-konvenur kien qallu biex ma jhallashomx f'dawk l-ammonti (izda li jhallashom f'ammonti izghar) stante inadempjiment kontrattwali da parti tal-fornitur, b'hekk illi l-kreditu prezenti pretiz ma giex ridott.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Michael Fenech *proprio* li permezz taghha eccepixxa:

"Illi d-domandi tal-attur ghandhom jigu michuda peress illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut kien ftiehem mal-Bank li l-garanzija tieghu tigi mnehhija.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Michael Fenech nomine tal-20 ta' Dicembru, 1993, li permezz taghha gie eccepit ukoll:

> "Illi t-talba tal-attur ghar-rigward tal-hlas tal-ispejjez ta' din il-kawza ghandha tigi michuda stante n-nuqqas da parte tieghu tar-rikjesta ghall-pagament, liema rikjesta ma saritx u liema rikjesta kellha ssit u dan kif imposta fuq l-attur skond il-kuntratt ta' "overdraft facility".
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha gie deciz illi:

> "Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet tal-Bank of Valletta limitatament kif ser jinghad:-
>
> "1. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sittin ewro u dsatax-il centezmu (€26,562.19) bhala kapital bl-imghax mill-1 ta' Novembru 1991 sakemm isir il-hlas, u sitt elef u hamsa u tmenin ewro u erbgha centezmi (€6,085.04) bhala imghax sal-31 ta' Ottubru 1991.
>
> "2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex bhala garanti tal-kumpannija konvenuta jhallas solidalment maghha s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghajn ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) bhala kapital bl-imghax mill-1 ta' Novembru 1991 sakemm isir il-hlas, u mghax ta' disa' mija u wiehed u tletin ewro u erba' u sebghin centezmu (€931.74) bhala imghax sal-31 ta' Ottubru 1991.
>
> "Spejjez jinqasmu inkwantu ghal 72% a karigu tal-konvenuti u 27% a karigu tal-Bank of Valletta plc".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-qorti rat l-atti kollha li jinkludu rapport tal-perit komputista John A. Bonnici li b'digriet tas-26 ta' Ottubru 1994 (fol. 695) gie nominat sabiex jipprezenta rapport dwar l-ammont dovut lill-bank.

"Sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet tal-Bank of Valletta plc il-qorti trid tindirizza l-eccezzjonijiet kif proposti mill-konvenuti. Il-qorti taghmilha cara li ser tiskarta ghal kollox il-provi li ressqu l-konvenuti li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-eccezzjonijiet li nghataw.

"I**mghax kompost**.

"Jirrizulta li kienu jezistu zewg accounts:-

"Overdraft Account numru 102-0160601-5 (qabel 01 188 7457) u kont iehor 30201606011 (qabel 01 188 7465).

"Il-kumpannija konvenuta ssostni li l-ammont mitlub jinkludi mghax kompost, u dan kontra l-ligi. Fid-dikjarazzjoni guramentata Michael Fenech spjega:

"*Illi fl-ammont mitlub mill-attur hemm komputat compound interest ikkalkulat kull sitt xhur. Dan huwa kontra l-ligi u ghalhekk mhux dovut. B'hekk l-ammont globalment mitlub mill-attur ghandu jigi ridott*" (fol. 247).

"F'ittra datata 12 ta' Novembru 1993 (fol. 514) il-konvenuta argumentat li l-imghax kellu jigi kkalkolat b'imghax semplici sa mill-bidunett u mhux mid-data tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1990 (fol. 28).

"Il-posizzjoni f'dan ir-rigward hi stabbilita mill-gurisprudenza. F'kaz ta' overdraft dan hu possibbli skond l-uzu kummercjali (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Company Limited et tas-6 ta' Dicembru 2002). Il-qorti hi konvinta li l-kumpannija konvenuta kienet taf li qieghed jizdied imghax kompost, taghrif li setghet tasal ghalih mir-rendikonti li kienu jintbaghatu.

"F'nota ta' kritika li pprezentaw il-konvenuti fit-2 ta' Settembru 2002 qalu li f'dan ir-rigward ma jaqblux mal-perit komputist inkwantu:

> "*a. li dan ikkonkluda li fl-1987 kien inghalaq kont wiehed biss u*
>
> "*b. li da baqa' jahdem l-imghaxijiet bis-sistema ta' compound interest sa Frar 1988 meta jirrizulta li l-facilita twaqqfet (fis-sens li giet reducing only) fl-1987*" (fol. 804).

"It-tezi tal-konvenuti hi li l-bank ghalaq il-facilitajiet f'Awissu 1987. Il-qorti ma taqbilx. Mir-rendikonti li pprezenta l-bank hu evidenti li wara Awissu kienu baqghu johorgu cekkijiet. L-overdraft account kien ghadu qieghed jigi operat irrispettivament jekk ic-cekkijiet kienux inhargu qabel Awissu 1987 jew wara. 'Il fatt jibqa' li c-cekkijiet baqghu jigu onorati bis-sahha

tal-overdraft account. Imbaghad f'Dicembru 1987 il-konvenuta ddepozitat is-somma ta' Lm66,292.29 (fol. 73) u giet bi kreditu favur taghha. F'Dicembru 1987 fil-kont 01 188 7457 kien hemm is-somma ta' Lm25,190.167 favur il-konvenuta (fol. 73) li min-naha taghha baqghet tohrog cekkijiet. Pero' meta din is-somma giet utilizzata kollha u nqabzet bis-somma ta' Lm1,436, il-bank baghat ittra (5 ta' Lulju 1988, fol. 504) fejn gharraf lill-kumpannija konvenuta li: "Since there is no agreement for you to overdraw this account, you are kindly requested to deposit this amount to regularise your position". Hu ovvju li sakemm giet utilizatta s-somma kollha ta' Lm25,190.167 zgur ma kienx qieghed jiddekorri mghax ghaliex fil-kont kien hemm flus tal-kumpannija konvenuta. Sa Frar 1988 kien ghad hemm bilanc ta' Lm6.61,2 favur il-konvenuta (fol. 68). Imbaghad f'Marzu 1988 jidher li nhargu pagamenti ohra u l-kont rega' gie f'debitu fis-somma ta' Lm1,436.22,8 sakemm f'Lulju l-bank interpella lill-konvenuta sabiex thallas. Sa dak iz-zmien zgur li ma kienx iddekorra mghax kompost ghaliex il-konswetudini hi li jigi kkalkolat kull sitt xhur.

"F'dak l-istadju ma setax jibqa' jikkalkola l-imghax kompost.

"Ghal dak li jikkoncerna l-kont bin-numru 30201606011 (qabel 01 188 7465) jirrizulta li dan infetah f'Jannar 1984 b'debitu ta' Lm32,995. Mir-rendikonti relatati mal-kont bin-numru 102-0160601-5 (qabel 01 188 7457) jirrizulta li sa dak iz-zmien il-bilanc dovut mill-kumpannija konvenuta kien ta' iktar minn Lm100,000 (fol. 173). Fit-13 ta' Jannar 1984 gie kreditat l-overdraft account bis-somma ta' Lm32,995 (fol. 173) u cjoe' l-istess ammont li bih infetah il-kont 30201606011 (qabel 01 188 7465) cjoe' dak li fuq ir-rendikonti hemm il-kliem '*PLEDGE ON MERCHANDISE'*. Kont li wkoll infetah fit-13 ta' Jannar 1984. Il-perit komputist esprima l-opinjoni li jidher li dan il-kont infetah bhala *overdraft reducing only* (fol. 719). Alfred Cini, ufficjal tal-bank xehed (23 ta' Mejju 1995):-

> "*l-ftuh ta' Loan A/C isir permezz ta' Sanction Letter u minghajr kuntratt; nghid f'dan il-kaz ma kienx ftuh ta' Loan A/C bhala tali izda inqaleb Pledge on Merchandise A/C f'Overdraft Reducing Only*" (fol. 743).

"Il-qorti temmen li kull ma sar kien li ammont li kien fl-Overdraft Account gie trasferit f'kont iehor. Pero' taqbel mal-fehma tal-perit komputist li f'dan il-kaz ma ghandux ikun hemm imghax kompost gialadarba jidher li ma kenitx facilita' ta' overdraft[1].

"Il-perit komputist illikwida l-ammont dovut lill-bank. Fil-konkluzjoni qal:-

[1] Il-perit komputist irrelata: "L-esponent jidhirlu wkoll li ladarba dan ma kienx overdraft account normali bil-facilita lill-klijent li jigbed il-flus minnu ghal gestazzjoni (gestjoni) tan-negozju kif ikollu bzonn, il-Bank ma setax jiccargja imghax bis-sistema ta' Compound Interest. Il-bank ghamel dan indirettament bili, kif stqarr il-Manager tal-bank John Cassar Torregiani fix-xhieda tieghu (fol. 608) u kif jirrizulta mir-rendikonti bankarji esebiti, jghaddu imghax dovut fuq l-Overdraft Reducing Only A/C ghall-Overdraft Account proprju u b'hekk il-klijent jigi ccargjat imghax fuq imghax meta mhux suppost" (fol. 719).

> "*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottomettu u jissuggerixxu li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tal-attur nomine fl-ammont ta' Lm11,403.15 kapital u Lm2,612.31 imghax sad-data tac-citazzjoni minghand il-konvenut nomine u Lm10,000 kapital u Lm400 imghax minghand il-konvenut proprio, it-tnejn flimkien ma' imghax kummercjali fuq il-kapital minn dik id-data sal-effettiv pagament*".

"Il-bank ma ghamel l-ebda kritika ghar-rapport tal-perit komputist. Fic-cirkostanzi, meqjus li l-konteggi li saru mill-perit komputist huma ta' natura teknika u hadd mill-partijiet ma ressaq provi biex jikkonvinci lill-qorti li l-konteggi li l-kalkoli huma zbaljati, il-qorti ser taddotta l-konkluzjoni tal-perit komputist.

"<u>Bejgh ta' zejt li kien nghata b'rahan lill-bank</u>.

"Il-konvenuta argumentat li l-bank ghamel l-ostakoli meta l-kumpannija konvenuta giet biex tbiegh miz-zejt li kien qieghed iservi bhala ta' garanzija. Mid-deposizzjoni ta' Charles Massa (fol. 566), ufficjal tal-bank, ma jirrizultax ix-xenarju li semma David Mifsud (affidavit fol. 614-615)[2]. Il-qorti ma tarax kif seta' kien fl-interess tal-bank li jirrifjuta li jinbiegh zejt meta dan kien ifisser hlas lill-bank. Mifsud stess xehed li meta kien jinbiegh miz-zejt li kien qieghed iservi ta' garanzija: "… iz-zejt kien jonqos, u d-debitu taghna mal-Bank kien similment jonqos" (fol. 614). Mifsud qal:-

> "*Qed nesebixxi dokumenti DM4 sa DM30 – fejn nuri konsenji ta' zejt maghmula mill-kumpanniji ohra taghna Foblend lil varji xerrejja. Dawn l-konsenji huma kollha oltre Lm500 (salv tnejn). Ghal dawn ahna konna tlabna l-Bank of Valletta sabiex jaghtuna r-release u biex b'hekk inkunu nistghu nohorgu z-zejt, pero' huma rrifjutawna dejjem*".

"Il-qorti tosserva:-

"1. Id-dokumenti kollha li pprezenta dan ix-xhud huma datati jew 1992 jew 1993, igifieri wara li l-kawza giet prezentata;

"2. Ix-xhud spjega x'gara fit-18 ta' Marzu 1988 meta qal li l-konvenuta rceviet ordni ghax-xiri ta' zejt b'valur ta' Lm857.11. Qal li Massa qalilhom li ordnijiet taht Lm5,000 mhux ser jigu accettati. Michael Fenech, neputi tal-konvenut, xehed: "*Inoltre s-sur Massa kien qalilna illi ordnijiet biss fuq Lm5,000 jigu accettati*" (fol. 673). Ix-xhud Mifsud kompla li ghalkemm il-kompratur kien diga' hallas ghall-konsenja u l-flus inghataw lil-bank, minhabba l-posizzjoni li ha l-bank il-konvenut waqqaf il-hlas. Hu veru li mir-rendikont tal-bank jirrizulta li fit-18 ta' Marzu 1988 sar hlas ta' Lm857.11 u li fil-21 ta' Marzu 1988 dak l-ammont rega' gie debitat fil-kont tal-kumpannija (fol. 550). Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex prova determinanti biex twassal lill-qorti tikkonkludi li l-verzjoni li taw ix-xhieda tal-konvenuta hi l-verita. Il-qorti toserva kif ma tressqux provi dokumentarji li juru li l-kumpannija konvenuta ipprotestat

---

[2] Kien impjegat tal-kumpannija konvenuta.

mal-bank li kienet qeghda tigi mxekkla milli tbiegh iz-zejt. Il-qorti hi tal-fehma li kieku din il-problema kienet verament tezisti l-kumpannija konvenuta kienet:-

“2.1 Tipprotesta bil-miktub.

“2.2 Titlob spjegazzjoni tar-raguni ghalfejn il-bank iddecieda li ordnijiet inqas minn Lm5,000 ma jaccettax. Haga li mill-provi ma jirrizultax li qatt intalbet.

“Il-qorti tirrileva wkoll li lanqas ma tressqu provi dokumentarji li kien hemm ordnijiet ta’ iktar minn Lm5,000. A bazi tal-provi li tressqu ordni simili min-naha tal-bank ma kenitx taghmel sens. Jekk din il-materja kienet daqstant importanti ghall-kumpannija konvenuta, il-qorti tistenna li kienu jsiru diskussjonjiet ma’ ufficjali tal-bank biex isiru jafu ghalfejn inghatat ordni bhal dik u biex jipprovaw isibu soluzzjoni li kienet tajba ghaz-zewg partijiet. Il-qorti ma tista’ tara l-ebda raguni ghalfejn il-bank seta’ ostakola l-bejgh taz-zejt meta l-konvenuta stess ikkonfermat li d-dhul mill-bejgh ta’ dan iz-zejt kien qieghed imur ghand il-bank sabiex jonqos id-dejn li kien hemm fil-kont tal-overdraft. Zgur li ma kienx fl-interess tal-bank li jostakola l-bejgh iktar u iktar meta tqies li skond ma xehed Michael A. Fenech iz-zejt huwa perishable. Dan apparti li l-kumpannija konvenuta kellha kull opportunita’ kieku riedet, gialadarba ssostni li z-zejt hu perishable, li titlob ghall-intervent tal-qorti sabiex jinbiegh (ara Artikolu 1972 tal-Kodici Civili). Ghal ragunijiet li taf hi ma haditx dawn il-passi. Il-konvenuta ma tistax tilmenta mill-passivita’ taghha stess.

“Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tikkonkludi li l-konvenuti taw prova li l-bank attur kien ostakola lill-kumpannija fil-bejgh taz-zejt li kienet tat b’rahan ghad-dejn li kellha.

“Inoltre skond il-memorandum of pledge (Dok. AC16, fol. 771) ma jirrizultax li l-bank kellu xi obbligu li jirrilaxxa l-merkanzija. Ghalkemm il-konvenut xehed li l-imsemmi dokument kien “*biss memorandum of pledge ta’ stocks favur il-Bank ghall-loan account*” (fol. 748) fid-dokument jinghad li jirreferi ghal rahan ta’ merkanzija li kien f’mahzen gewwa Haz-Zabbar.

“Il-konkluzjoni tal-qorti hi li ma taccettax il-verzjoni tal-kumpannija konvenuta.

“<u>Hlas zejjed lid-Dwana</u>.

“Il-konvenuta tilmenta li l-Bank of Valletta plc hallas flus lid-Dwana iktar milli suppost.

“F’nota li pprezentat fil-15 ta’ Dicembru 1993 (fol. 288), il-konvenuta qalet:

*"Fil-fatt kif jidher minn Dok. B2 il-Bank iddebita lill-konvenut bl-ammont ta' Lm3532.*

*Fl-ewwel lok qed jigu hawn esibiti Dok MFZ1 sa 5. Dok MFZ 1 jindika l-ammont ta' dazzju mhallas mill-Bank ghall-import taz-zejt. Dok. MFZ 1 juri ammont ta' Lm3229.48. hemm diskrepanza bejn dan l-ammont u l-ammont f'Dok. B2 peress illi fid-Dok B2 il-Bank ghamel charges ta' Lm3532*".

"Il-qorti rat iz-zewg dokumenti u hi tal-fehma li ma saritx prova sodisfacenti li jirreferu ghall-istess haga. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

"(a) Il-Bank of Valletta plc kien hareg garanzija favur id-Dwana ghas-somma ta' Lm15,000. Permezz ta' ittra datata 24 ta' Dicembru 1990 (fol. 773) il-Kontrollur tad-Dwana talab il-hlas ta' Lm3,532.86,3. Il-bank onora l-garanzija u fil-31 ta' Dicembru 1990 hallas din is-somma u ddebita l-overdraft account tal-kumpannija konvenuta.

"(b) Id-debit ta' Lm3532.86,3 sar fit-2 ta' Jannar 1991 (ara Dok. B2);

"(c) Il-hlas ta' dazju ta' Lm3229.48 sar fl-24 ta' Mejju 1991 (ara timbru f'dik il-parti tad-dokument MF2(1) fejn jinghad: "Firma u timbru tal-kaxxier").

"(d) Il-kumpannija konvenuta ghamlet ukoll kalkoli dwar x'kien dovut bhala dazju. Pero' din m'hijiex materja li kellha tigi trattata mal-Kontrollur tad-Dwana u l-bank m'ghandux x'jaqsam.

"Mela ma jidhirx li s-somma ta' Lm3,532.86,3 li thallset fil-31 ta' Dicembru 1990 lill-Kontrollur tad-Dwana ghandha x'taqsam mal-merkanzija li dwarha thallas dazju ta' Lm3,229.48 li skond id-dokument li pprezentat il-konvenuta sar fl-24 ta' Mejju 1991.

"<u>Hlas ta' letters of credit mill-Bank of Valletta plc.</u>

"F'nota prezentata fil-15 ta' Dicembru 1993 (fol. 296) il-konvenut ghamel riferenza ghall-ittra datata 3 ta' Marzu 1993 fejn jissemmew tlett letters of credit. Il-kumpannija konvenuta ssostni li fir-rigward:

"(a) *letter of credit* 79/2362 kellhom jithallsu US $58,933 u minflok il-bank hallas $60,633, b'diskrepanza ta' US$1699. Fatt li jirrizulta mid-dokumenti li pprezentat il-kumpannija konvenuta (fol. 278-314), b'mod partikolari d-debit advice datata 26 ta Marzu 1980 (fol. 302), M'hemmx prova li dan il-hlas sar mill-kontijiet li huma meritu ta' din il-kawza. L-oneru tal-prova kien fuq il-kumpannija konvenuta.

"(b) *letter of credit* tat-22 ta' Settembru 1982 favur Texaco Spa, f'affidavit (fol. 674) il-konvenut qal: "*nitlob illi l-bank issa jaghtina*

*spjegazzjoni, liema spjegazzjoni fil-fatt qatt ma tana*". Dwar dan m'hemmx provi u ghalhekk il-qorti ma tistax tesprimi fehma.

"(c) *letter of credit* I/80/1544 tal-20 ta' Mejju 1980 favur Texaco Spa, il-konvenut xehed kellha tithallas is-somma ta' US$72,824.56 u minflok il-bank hallas US$76,037.37, b'diskrepanza ta' US$3,212.81. F'dan il-kaz ukoll ma saritx il-prova. F'nota li pprezentaw fit-2 ta' Settembru 2002 (fol. 802) il-konvenuti qalu li l-prova ser issir quddiem il-periti perizjuri. Fl-ewwel lok meta jinhatru periti perizjuri m'ghandux jerga' jinfetah l-istadju tal-provi. F'kull kaz il-konvenuti kienu talbu li jithassar l-inkarigu tal-periti perizjuri.

"<u>Garanzija li nghatat mill-konvenut Fenech.</u>

"It-tezi tal-konvenut hi li l-garanzija li kien ta lill-bank kienet thassret bi qbil mal-bank. Fid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenut spjega li kellu jaghti garanzija skond sanction letter tal-25 ta' Awissu 1987 (Dok. H a fol. 254) ghall-facilita li kienet ser tiehu l-kumpannija konvenuta. Pero meta l-kumpannija ddecidiet li ma tiehux din il-facilita, talab li l-garanzija tieghu u tal-kumpannija jitnehhew. Mill-atti jirrizulta li:

"(a) Fil-25 ta' Awissu 1987 harget sanction letter favur il-kumpannija konvenuta (fol. 254) ghas-somma ta' Lm145,000. Wahda mill-garanzijі li tissemma hi "*3) Guarantee on Bank's form Leg01 for Lm10,000 signed by Mr Michael Fenech*".

"(b) Il-konvenut baghat ittra lill-bank, datata 30 ta' Dicembru 1987, fejn infurmah li l-kumpannija ma kenitx ser tiehu l-facilita' u ghalhekk talbu to "…. *Release all security held by you as per your letter dated 26th August 1987, under security held Nos 2,3,6, 8 and 9*.". Fl-ittra jinghad ukoll "*We have instructed our Notary to communicate with your goodself so that the General hypothec by my Company dated 6th December 1978 will be cancelled, and making it conform with what has been stated above*".

"Il-konvenut xehed:

> "*Illi l-Bank accetta dan u fil-fatt is-securities kollha tnehhew. Sussegwentement il-Bank talab lill-konvenut sabiex jerga' jiffirmalu l-garanzija personali (Dok. I). Il-konvenut dan m'ghamlux*" (fol. 251).

"Fl-atti m'hemmx provi li juru li l-Bank of Valletta plc kien hassar il-garanzija li Michael A. Fenech ta personalment. Garanzija li kienet inghatat fit-8 ta' Gunju 1978 (ara Dok. D a fol. 25).

"Ghalkemm jirrizulta li l-konvenut ma ffirmax Dokument I (fol. 252) b'daqshekk ma jfissirx li l-garanzija ma tghoddx. Garanzija li fit-8 ta' Ottubru 1985 ikkonferma li tezisti fl-ammont ta' Lm10,000 ghad-dejn tal-kumpannija konvenuta (fol. 24). Fil-fehma tal-qorti d-dokument I (fol.

252) hu fih innifsu ndizju kif mhux minnu li l-bank kien hassar il-garanzija.

“Fic-cirkostanzi din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

“<u>Spejjez tal-kawza.</u>

“L-eccezzjoni ulterjuri hi bla bazi. Irrispettivament saritx interpellazzjoni qabel giet prezentata c-citazzjoni, il-konvenuti kkontestaw il-pretensjoni tal-bank u mhux ammettew it-talbiet. Ghalhekk l-interpellazzjoni qabel il-kawza ma kienet ser tbiddel xejn.

“<u>Ilmenti ohra</u>.

“Il-konvenuti jilmentaw ukoll (ara nota ta’ sottomissjonijiet tal-14.9.2012) dwar:-

“(a) spejjez ta’ insurance premia li gew debitati fil-kont;

“(b) rata ta’ imghax applikabbli;

“F’affidavit (fol. 646) il-konvenut ilmenta wkoll dwar:-

“(a) Spejjez fuq monthly statements;
“(b) Spiza ghal stock control;
“(c) Imghax trasferit minn Loan Account ghal fuq l-Overdraft Account (ara wkoll verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 1994, fol. 695).

“F’affidavit bid-data tas-16 ta’ Mejju 1996 il-konvenut qal li f’Dicembru 1987 il-facilita tal-overdraft u loan kienu mhallsin. Sahansitra fin-nota tal-14 ta’ Settembru 2012 il-konvenuti qalu li ma kienux jaqblu mad-data li l-espert komputist ikkunsidra bhala d-data meta nghalqet il-facilita’ tal-overdraft[3]. Ma nghataw l-ebda eccezzjonijiet f’dan is-sens.

“Ilmenti li ma jifformawx parti mid-difiza tal-kumpannija konvenuta li pproponiet fin-nota tal-eccezzjonijiet. Madankollu fir-rigward ta’ certu ilmenti ser tiehu beneficcju minhabba dak li rrelata l-perit komputist (ara paragrafu 6.1.6) gialadarba Bank of Valletta plc ma lmentax u ma ghamel l-ebda kritika ghall-konkluzjonjiet li wasal ghalihom u anzi jidher li jaqbel maghhom.”

---

[3] Qalu wkoll li f’Dicembru 1987 il-konvenuti ddepozitaw fil-kont somma li kienet teccedi l-overdrawn balance u wkoll “il-loan account balance u kien hemm bilanc sostanzjali favur il-konvenuti”. Ghal dak li jikkoncerna l-kont li l-konvenuti rreferew ghalih bhala l-loan account, u cjoe’ 01 188 7465, mir-rendikonti li pprezentat l-attrici ma jirrizultax li f’Dicembru 1987 sar xi depozitu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Michael Fenech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fenech Oil & Petroleum Company Limited socjetà numru C 2612 kif ukoll ta' Michael Fenech personalment karta tal-identita numru 440647M, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qoti Civili tas-16 ta' Settembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

Rat ir-risposta tal-Bank appellat li permezz taghha jishaq li t-talbiet tas-socjetà attrici jimmeritaw li jintlaqghu u li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti michuda bl-ispejjez kontra taghhom, kwindi talab li l-appell in ezami ghandu jigi michud u s-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata fl-interità taghha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkpnsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza l-Bank appellat qieghed jitlob hlas ta' Lm19,240.59,5 (illum ekwivalenti ghal €48,818.52), bilanc ghad-debitu fl-*overdraft account* tas-socjetà kummercjali Fenech Oil & Petroleum

Company Limited flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1991, sad-data tal-hlas effettiv, kif ukoll sabiex il-konvenut Michael Fenech *proprio* jigi kkundannat ihallas lill-attur *in solidum* is-somma ta' Lm10,400 (illum ekwivalenti ghal €24,225.48), ammont minnu garantit, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta Frar, 1991, sad-data tal-hlas effettiv.

Is-socjetà konvenuta eccepiet illi (1) l-ammont mitlub jinkludi *compound interest* mahdum kontra l-ligi; (2) il-bank attur hallas dazju meta dan ma kienx dovut u minghajr il-kunsens tal-konvenuti, li wassal ghal zieda fid-dejn; (3) il-Bank ma halliex lis-socjetà konvenuta tinnegozja z-zejt, bil-konsegwenza li ma setax inaqqas mill-kreditu pretiz;  (4) minhabba l-agir tal-bank attur, iz-zejt li kien mahzun fil-miftuh iddeterjora tant li ma setax jinbiegh; (5) il-bank attur hallas *letters of credit* lill-fornitur barrani meta l-konvenut kien qallu biex ma jhallashomx f'dawk l-ammonti, izda f'ammonti inqas minhabba inadempjenza kuntrattwali da parti tal-fornitur. Eccepiet ulterjorment li peress li ma saritx talba ghall-hlas da parti tal-Bank, liema talba kellha ssir skont il-kuntratt ta' *overdraft facility*.

Filwaqt li l-konvenut Michael Fenech *proprio* wiegeb li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li kien ftiehem mal-Bank li l-garanzija titnehha.

L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, filwaqt li laqghet it-talbiet attrici limitatament billi kkundannat is-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' €26,562.19 bhala kapital bl-imghax mill-1 ta' Novembru 1991 sakemm isir il-hlas, u €6,085.04 bhala imghax sal-31 ta' Ottubru 1991. Ikkundannat ukoll lill-konvenut sabiex bhala garanti tal-kumpannija konvenuta jhallas solidalment maghha s-somma ta' €23,293.73 bhala kapital bl-imghax mill-1 ta' Novembru 1991 sakemm isir il-hlas, u mghax ta' €931.74, bhala imghax sal-31 ta' Ottubru 1991.

Il-konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk ressqu appell minnha. Fl-ewwel aggravju tal-konvenuti jinghad li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin peress li f'diversi cirkostanzi tefghet l-oneru tal-prova fuq is-socjetà konvenuta dan meta l-oneru tal-prova kienet fuq dak li jallega, f'dan il-kaz il-kreditur kellu jipprova l-kreditu tieghu. L-attur kellu obbligu li juri l-addebiti li saru fil-kontijiet tas-socjetà konvenuta kienu gew awtorizzati minnha jew li kienu realment dovuti u fin-nuqqas ta' tali prova, l-addebitu ma jistax jigi approvat. Kwindi jsostnu li kien jispetta lill-attur li jipprova li l-addebiti kienu gusti u mhux lill-konvenuti li l-addebiti kienu ingusti. Jilmentaw li l-ewwel Qorti ma tatx piz lill-fatt li l-Bank naqas milli jipproduci d-dokumenti kollha mehtiega. Filwaqt li jinghad li l-Bank jressaq bhala raguni li huwa ma kienx tenut izomm certu dokumenti wara certu perjodu, dan ma kienx korrett peress li l-istess Bank kien ben

konsapevoli tal-fatt li kien hemm kontestazzjoni dwar l-imsemmi kont. Jekk ma zammx tali dokumentazzjoni, ma jistax issa jiehu vantagg li d-dokumenti m'ghadhomx jinsabu fil-pussess tieghu, peress li l-istess Bank kien tenut jaghmel il-prova tal-kreditu tieghu u fin-nuqqas ma jistax jirnexxi fl-azzjoni tieghu.

Filwaqt li l-appellanti jipprezentaw skeda mar-rikors tal-appell taghhom sabiex jaghtu spjegazzjoni ta' kif id-diversi kontijiet bankarji inkwistjoni bidlu n-numri tul is-snin, sabiex wiehed ipoggi d-dokumenti pprezentati mill-Bank f'perspettiva, jishqu li l-aggravju centrali taghhom jitratta d-debiti maghmula mill-Bank fil-kont tas-socjetà appellanti dwar l-ittri ta' kreditu. Issir kritika fil-konfront tas-sentenza appellata, inkwantu filwaqt li l-ewwel Qorti sabet li kellha ssir prova mill-konvenuti li dak li gie addebitat lilhom kien sar skorrettement, huma jinsistu li kien jispetta lill-Bank kreditur li jipprova l-kreditu tieghu u mhux vice versa, u ghalhekk kien jispetta lill-Bank jipprova li dak addebitat minnu sar b'mod korrett. Kif ukoll isostnu li huma rnexxielhom jippruvaw li dak li gie addebitat lilhom sar b'mod skorrett.

Jibda billi jigi osservat illi fil-gurisprudenza taghna, il-principju li jirregola l-piz probatorju huwa dak ta' *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Fir-rigward il-materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-

sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn jinghad:

> "*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> "*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> "*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju inkwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
>
> "*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad li filwaqt li jispetta lill-Bank attur jipprova l-kreditu tieghu u li tassew kien hemm il-bilanc pretiz minnu bhala l-ammont dovut lilu, izda kien imbaghad jaqa'

fuq il-konvenuti li jippruvaw dak allegat minnhom permezz tal-eccezzjonijiet taghhom. Wara li rat il-provi in atti din il-Qorti hija konvinta mill-fatt li l-Bank attur kien jipprovdi diversi faciltatjiet bankarji lis-socjetà konvenuta (ara fost affarijiet ohra, l-kuntratt ta' *overdraft* fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona tas-6 ta' Dicembru, 1978 a fol. 35 tal-process, kif ukoll id-dokumenti esebiti mill-istess Michael Fenech proprio et nomine bhala Dok. MAF 3 sa MAF 22 a fol. 649 et seq. tal-process).

Inkwantu ghall-bilanc pretiz mill-Bank attur, jigi rilevat li l-ewwel Qorti kienet hatret bhala perit komputista lil John A. Bonnici, sabiex jassistiha fid-determinazzjoni tal-kawza, li pprezenta r-relazzjoni tieghu fit-23 ta' Settembru, 1996. F'dan ir-rigward, huwa fatt li l-Qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konkluzjonjiet peritali. Il-principji importanti fir-rigward il-piz probatorju ta' perizja teknika, gew enuncjati fis-sentenza tal-Prim'Awla tat-12 ta' April, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Noel Pisani et noe v. Adam Bartolo**, fejn inghad:

> "*Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "Calleja vs Mifsud", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*
>
> "*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi*

> *epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*
>
> "*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*
>
> "*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - "Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "Tabone vs Tabone et" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "Calleja noe vs Mifsud" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `Attard vs Tedesco et` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u "Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).*
>
> "*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("Bugeja et vs Muscat et" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)*".

Minn ezami tal-atti in kawza ma jirrizultax li l-konvenuti appellanti ressqu xi mistoqsijiet in eskussjoni tal-perit komputista u ghalkemm il-konvenuti kienu talbu l-hatra ta' periti addizzjonali, sussegwentement, jirrizulta li l-istess konvenuti ddikjaraw li ma kellhomx aktar interess fit-talba li kienu ghamlu ghan-nomina ta' periti perizjuri, kwindi rrinunzjaw ghat-talba

taghhom u l-ewwel Qorti hassret l-inkarigu moghti lill-periti addizzjonali. Huwa ritenut mill-aktar inkongruwu li l-konvenuti appellanti jressqu skeda flimkien mar-rikors tal-appell taghhom sabiex "*jigu ccarati liema kienu l-kontijiet bankarji tas-socjetà konvenuta u l-movimenti f'numri ta' dawn il-kontijiet".* Dan l-ezercizzju kellu jsir l-ewwel nett quddiem il-perit komputista u f'kaz ta' nuqqas ta' qbil mar-relazzjoni minnu redatta, billi jressqu l-mistoqsijiet in eskussjoni, izda certament mhux accettabbli li jressqu tali skeda f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza. Kwindi din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' tali skeda.

Minkejja li l-konvenuti appellanti jikkontendu li l-Bank naqas milli jipproduci d-dokumenti kollha mehtiega, kemm il-perit komputista, kif ukoll l-ewwel Qorti qiesu li l-Bank irnexxielu jressaq provi sodisfacenti ta' parti mill-bilanc ta' kreditu pretiz minnu, almenu ghall-ammont likwidat mill-perit komputista, hekk kif ikkonfermat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Issa kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Terres Co. Ltd. et v. L-Ghajn Construction Company Limited et**, deciza fit-28 ta' April, 2017:

> "*Kif kellha diversi okkazzjonijiet ohra li taghmel, din il-Qorti tirrileva, li bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti*".

F'dan il-kaz allura mhux talli d-decizjoni finali kienet rizultat tal-konkluzjonijiet peritali, izda anke ta' deliberazzjoni tal-ewwel Qorti, u din il-Qorti ma tiddisturbax tali decizjoni sakemm ma tirriskontrax zball manifest fl-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti jew issib li l-konkluzjoni taghha hija wahda rragonevoli.

Trattat dan l-aggravju generali, jmiss li jigu ndirizzati l-ilmenti tal-konvenuti appellanti fir-rigward tal-addebiti partikolari maghmula mill-Bank relattivament ghal:

**<u>Hlas maghmul mill-Bank fuq tliet ittri ta' kreditu rrevokabbli</u>**

(I) Dwar l-ittra ta' kreditu 79/2362, kif osservat mill-ewwel Qorti, huwa fatt li l-ittra ta' kreditu originali kienet tindika li kellha tithallas is-somma ta' US$58,933.54, izda minkejja skambju ta' korrispondenza bejn il-kontendenti fil-kawza (fol. 298 sa 314 tal-process), thallsu US $60,633.49 (ara Dok. MFLC5 a fol. 302), diskrepanza ta' US$1,699.95. L-appellanti jsostnu li kien jispetta lill-Bank jiggustifika ghala l-ammont imhallas kien jeccedi l-ittra ta' kreditu u li ghalkemm l-ewwel Qorti rriteniet li ma saritx prova li dan il-hlas sar mill-kontijiet mertu tal-kawza, liema prova kienet tispetta lilhom, l-appellanti jsostnu li tali prova saret u li jekk wiehed jara l-addebiti li saru f'liri Maltin, l-ammonti jaqblu.

Kif osservat kemm mill-ewwel Qorti, kif ukoll mill-perit komputista, il-Bank attur ressaq il-pretensjonijiet tieghu fuq il-kontijiet bankarji (a) 30201606011 (qabel 01 188 7465) kont li nfetah f'Jannar 1984 u (b) 102-360601-5 (qabel 01 188 7457) l-overdraft account konsegwenti ghall-kuntratt notarili tas-6 ta' Dicembru, 1978. Il-Bank ipprezenta t-tranzazzjonijiet fuq dan il-kont li jibdew mill-1 ta' April, 1982. L-addebitu li jilmentaw dwaru l-appellanti jmur lura ghas-26 ta' Marzu, 1980 u minn Dok. MFLC5 jirrizulta li dan sar fuq il-kont 01 185 5482, li kif osservat mill-perit komputista f'paragrafu 10.6 tar-rapport tieghu, ma jirrizultax li jifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza.

Illi permezz ta' nota datata 2 ta' Settembru, 2002, (fol. 802) il-konvenuti ressqu l-argumenti taghhom il-ghala ma jaqblux mar-rapport tal-perit komputista u rrizervaw id-dritt li jelaboraw dwar ic-cirkostanzi msemmija minnhom quddiem il-periti addizzjonali. F'paragrafu 6 tal-imsemmija nota jsostnu li l-addebitu dwar hlas fuq il-*letter of credit*, fejn il-perit irrileva li sar fuq il-kont 01 185 5482, huma jsostnu li dan in-numru tal-kont huwa dak li precedentement kien jintuza sabiex jirreferi ghall-overdraft account u kontestwalment jipprezentaw dokument bhala prova ta' dan. Izda kif osservat mill-ewwel Qorti, meta jinhatru l-periti addizzjonali m'ghandux jerga' jinfetah l-istadju tal-provi u fi kwalunkwè kaz, l-istess konvenuti talbu li jithassar l-inkarigu tal-periti perizjuri. Barra minn hekk, ghalkemm din il-Qorti fliet il-process, ma rnexxilhiex tidentifika t-tnaqqis li minnu jilmentaw

il-konvenuti appellanti. Ladarba l-konvenuti kienu qeghdin jilmentaw dwar dan l-addebitu, li wara kollox jaqa' taht il-hames eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, kien jispetta lilhom li jressqu l-provi xierqa fir-rigward.

(II) Dwar il-*letter of credit* tat-22 ta' Settembru, 1982, l-konvenuti appellanti jaghmlu referenza ghal ittra esebita minnhom datata 22 ta' Dicembru, 1982 (a fol. 675) fejn huma qalu hekk: "*We accept documents as presented, and please pay US$3,382.98 and not US$34,105.19*". Izda jilmentaw li minkejja dan, a fol. 212 taht l-entratura tas-27 ta' Dicembru, 1982 (ittra I) l-Bank naqqas l-ammont mill-kont bin-numru 01 188 7457, meta l-Bank lanqas ipproduca l-ittra ta' kreditu sabiex jiggustifika dan il-hlas, fejn isostnu li kien l-obbligu tal-Bank li jipproduci l-ittra ta' kreditu u mhux vice versa.

Huwa minnu li l-Bank appellat naqas li jesebixxi l-*letter of credit* inkwistjoni, izda huwa jiggustifika dan in-nuqqas a bazi tal-fatt li huwa ma kellu ebda obbligu li jzomm il-*letters of credit* inkwistjoni ghal perjodu ta' aktar minn hames snin (dan a tenur tal-Artikolu 26 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalkemm il-konvenuti appellanti jilmentaw li ma gietx esebita l-*letter of credit* innifisha, mhux kontestat li t-tnaqqis addebitat mill-Bank fuq il-kont inkwistjoni kien a bazi ta' *letter of credit* (tant li, kif spjegat qabel, il-konvenuti jaghrfu l-esistenza taghha meta talbu li jsir hlas ridott), izda l-konvenuti jilmentaw li sar hlas li ma kienx awtorizzat minnhom. Hu

pacifiku fil-gurisprudenza, kif ukoll bejn l-awturi, illi l-*letter of credit* hi strument ta' hlas ta' kreditu indipendenti u awtonomu mill-*underlying contract* bejn il-partijiet u ladarba l-kreditur jottempera ruhu mal-kondizzjonijiet tal-*letter of credit*, il-Bank li jkun hareg il-*letter of credit* (*issuing bank*) hu marbut li jhallas, b'eccezzjonijiet limitati u eccezzjonali, u dan anki jekk ikun hemm divergenzi bejn il-partijiet fuq it-termini jew l-ezekuzzjoni tal-kuntratt.

Il-ktieb **Finance of International Trade** (Cowdell/Hyde/Watson 7th Ed) jiddefinixxi *commercial letters of credit* bhala:

> "*a conditional guarantee of payment made by a bank to a named beneficiary, guaranteeing that payment will be made, provided that the terms for the credit are met. These terms will state that the beneficiary must submit specified documents, to a certain bank by a certain date. In simpler words, letters of credit in international trade involve the following: the importer that is located in one particular jurisdiction contracts his bank to issue a letter of credit to the benefit of the other who is located in another jurisdiction. After presentation of correct documents and compliance of the terms and conditions of the letter of credit with the documents, the issuing bank pays the amount agreed upon, thus ensuring security of the goods being bought in the transaction*".

Ghalkemm il-konvenuti appellanti, fl-ittra esebita minnhom a fol. 675, datata 22 ta' Dicembru 1982, jaghtu struzzjoni lill-Bank sabiex ihallas US$ 3382.98 minflok US$34,105.19 (diskrepanza ta' xejn anqas minn US$30,722.21!) jghidu wkoll li <u>accettaw id-dokumenti kif prezentati</u>, u fiha ma jaghtu ebda raguni ghala kellu jsir dan it-tnaqqis konsiderevoli fil-hlas (ghalkemm fl-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine tigi nvokata

inadempjenza kontrattwali da parti tal-fornitur). Kif appena spjegat, il-*letter of credit* hija meqjusa ta' natura awtonoma fil-qasam ta' kummerc internazzjonali, fejn il-Bank ghandu obbligu li jhallas, minkejja problemi li jistghu jinqalghu fil-kuntratt ta' bejgh ta' prodotti jew servizzi. Ladarba kienu l-konvenuti li qeghdin jikkontestaw dan l-addebitu li sar, a bazi ta' *letter of credit*, kien jispetta lilhom li jaghtu raguni u jressqu l-provi mehtiega l-ghala ma kellux isir il-hlas mahsub fl-istess *letter of credit.*

Kwindi ladarba l-Bank ipproceda bl-addebitu minkejja din l-ittra tal-konvenuti appellanti, jghid sewwa d-difensur tal-Bank appellat, li jekk kemm-il darba l-konvenuti appellanti kienu qeghdin isostnu li sar addebitu fil-kont taghhom a bazi ta' hlas li ma kellux isir mill-Bank, wiehed kien jistenna li l-konvenuti jew iressqu l-azzjoni opportuna fil-konfront tal-Bank jew kontro-talba fil-proceduri odjerni. Il-fatt li dan ma sarx, iwassal lil din il-Qorti, sabiex tikkonkludi li ma kien hemm ebda episodju eccezzjonali li jiggustifika l-pretensjoni tal-konvenuti li l-Bank ma jhallasx il-*letter of credit*. Il-fatt li l-Bank appellat uza d-diskrezzjoni tieghu li jhallas fuq *letter of credit*, li wara kollox tkun inharget fuq l-istruzzjoni tal-klijent tieghu, f'dan il-kaz is-socjetà konvenuta, ma jfissirx b'daqshekk li l-Bank ghamel hazin, jew li naqas fl-ezekuzzjoni tad-doveri tieghu. Fi kwalunkwè kaz, inadempjenza kuntrattwali da parti tal-fornitur (terza persuna), kellu jwassal lill-konvenut nomine li jiehu l-azzjoni mehtiega fil-konfront ta' tali fornitur u mhux jinvokaha fil-konfront tal-Bank, li wara kollox hallas a bazi

ta' *letter of credit* originarjament mahruga fuq talba tal-istess konvenut nomine.

(III) Fir-rigward tal-*letter of credit* 1/80/1544, il-konvenuti appellanti jaghmlu referenza ghad-dokumenti in atti minn fejn jinghad jirrizulta li l-Bank hawn ukoll hallas is-somma ta' US$ 76,037.37, meta kien gie mgharraf sabiex ihallas biss is-somma ta' US$ 72,824.56 (ara ittra tat-2 ta' Settembru, 1980 a fol. 677 tal-process),kwindi d-diskrepanza fil-hlas f'dan il-kaz hija ta' US$3,212.81. Il-konvenuti ressqu bhala prova f'dan il-kaz partikolari, l-fatturi relattivi, kif ukoll il-korrispondenza li ghaddiet, li minnha jirrizulta li l-konvenuti talbu lill-Bank sabiex issir emenda fl-ammont li kellu jithallas fuq il-*letter of credit* (Dok. MAF31 a fol. 679). Il-konvenuti appellanti jaghmlu referenza ghall-addebitu li sar fuq il-kont taghhom li jgib referenza 01 185 5482 esebit man-nota taghhom tat-2 ta' Settembru, 2002, li jsostnu li huwa l-ammont ta' US$ 76,037.37, minkejja t-twissija taghhom lill-Bank li ma kellux isir dan il-hlas fl-ammont indikat.

Jigi osservat li meta fir-rikors tal-appell taghhom, il-konvenuti jaghmlu referenza ghal ittra ta' kreditu rrevokabbli, mill-uzu tal-istess kelma rrevokabbli, huwa mifhum li l-*letter of credit* ma tistax tigi kkancellata jew emendata, kif jippretendu l-konvenuti appellanti. Il-konvenuti jaghmlu referenza ghad-dokumenti pprezentati man-nota taghhom tat-2 ta' Settembru, 2002, izda kif spjegat fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-

rigward tal-ewwel ittra ta' kreditu f'paragrafu (I) m'ghandhomx jitressqu provi godda quddiem il-periti addizzjonali, kwindi din il-Qorti mhix tenuta li tiehu konjizzjoni tad-dokumenti annessi mal-istess nota u ghalkemm dan l-ilment kellu jigi mistharreg mill-periti addizzjonali, l-istess konvenuti talbu li jithassar l-inkarigu tal-periti addizzjonali.  Kwindi kunsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tqisx l-aggravju tal-konvenuti appellanti dwar il-hlas ta' *letters of credit* mill-Bank appellat bhala gustifikat, stante li l-konvenuti ma rnexxielhomx jressqu l-provi mehtiega in sostenn tal-hames eccezzjoni taghhom.

**<u>Ir-rata tal-imghax u l-komputazzjoni tal-imghax</u>**

Imiss li jigi trattat l-aggravju tal-konvenuti appellanti dwar l-imghax, fejn jilmentaw dwar ir-rata tal-imghax adoperata u filwaqt li jaghmlu referenza ghal diversi *sanction letters* ipprezentati fl-atti (fol. 649 sa 655 tal-process, jishqu li r-rata kienet ta' 7% u 7.5% fis-sena u mhux 8% u ghalhekk l-addebitar kien zbaljat.  Jaghmlu referenza wkoll ghal ittra a fol. 510 tal-process fejn il-Bank kien ammetta li addebita l-ammont ta' Lm633 zejjed lis-socjetà konveuta, liema ammissjoni ma kenitx mizmuma fil-kont mill-ewwel Qorti.

Ghandu jinghad mal-ewwel li kif gustament osservat mill-perit komputista f'paragrafu 6.1.2 tar-rapport tieghu, fil-kaz tal-*overdraft account* numru 102-360601-5 ~ (qabel 01 188 7457):

> "*dak li jholl u jorbot huwa l-kuntratt iffirmat miz-zewg partijiet u l-kundizzjonijiet inkluzi fih u mhux dawn is-"Sanction letters" li huma forma ta' notifika li l-Bank johrog minn zmien ghal zmien u permezz taghhom jikkonferma li jkun lest li jibqa' jikkoncedi l-facilitajiet u jista' jindika xi tibdil fil-kundizzjonijiet bhal, nghidu ahna, l-ammont ta' self u r-rata ta' imghax li skond pagna 2 ta' l-istess kuntratt originali l-Bank ghandu dritt ibiddel "at the discretion" tieghu – dan aktar u aktar la darba l-konvenut nomine ghazel li ma jiffirmahomx waqt li kompla jaghmel uzu mill-istess faciltajiet u l-Bank hallieh jaghmel dan*".

Tabilhaqq l-overdraft account kien regolat permezz tal-kuntratt notarili tas-6 ta' Dicembru, 1978, li kien proprju jahseb ghal dan:

> "*Interest at rates not exceeding the maximum rate allowed by law shall be due by the company on daily debit balances in accordance with recognised banking practice,* ***the said rate of interest to be fixed by the Bank at its sole discretion from time to time***". (Enfasi mizjuda minn din il-Qorti)

Dan il-kuntratt jikkostitwixxi *pacta sunt servanda* bejn il-kontendenti fil-kawza, kwindi s-socjetà konvenuta ma tistax issa tmur lura minn dak miftiehem minnha.

Inkwantu ghall ittra mahruga mill-Bank fit-28 ta' Ottubru, 1993, a fol. 510, fejn b'referenza ghall-ittra tal-avukat tal-konvenuti tat-3 ta' Marzu, 1993, (fol. 508) nghad:

> "*We are pleased to inform you that the Bank has agreed to calculate interest at the simple rate. This computation has resulted in a difference of Lm633- in your favour*".

Din l-ittra tal-Bank kienet segwita b'korrispondenza ulterjuri tal-Bank tat-3 ta' Dicembru, 1993 (fol. 516) u l-iskeda ta' kalkoli hemm annessa (fol. 517), fejn tinghata spjegazzjoni dwar kif gie komputat l-ammont ta' Lm633 fis-sens li nghad: "*we consent to waive the compound element from the date of issue of the official letter, onwards*".

Fil-verità, huwa ritenut li l-perit komputista qies dan kollu f'paragrafu 6 tal-konsiderazzjonijiet tieghu, dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine dwar il-komputazzjoni tal-imghax, b'mod partikolari f'paragrafi 6.2.4 u 6.2.5 tar-rapport tieghu. Sahansitra hemm jinghad li l-konvenuti kellhom jinghataw il-beneficcju ta' imghax semplici sa minn meta nfetah il-kont bankarju 302 0160 6011 (qabel 01 188 7465) fis-sena 1984. Il-perit komputista kkritika wkoll il-metodu li bih il-Bank ikkalkola d-differenza bejn l-imghax bis-sistema ta' *simple interest* u dak b'sistema ta' *compound interest* (kif jirrizulta minn fol. 517) b'dan li l-Bank injora l-provvediment tal-Artikolu 1169(2) tal-Kodici Civili, kwindi l-perit komputista minflok ha l-bilanci f'zewg dati partikolari u kkalkola d-differenza fl-imghax fuq id-differenza ta' bejniethom, hadem kollox mill-gdid, transazzjoni transazzjoni, kif jidher mill-appendici "B". Kwindi ir-rapport tekniku qies ukoll dan l-ammont fil-kalkoli tieghu u jekk il-konvenuti appellanti naqsu

milli jadoperaw ir-rimedju ta' perizja addizzjonali sabiex jattakaw tali komputazzjoni, *imputet sibi.*

**Hlas maghmul mill-Bank lill-Kontrollur tad-Dwana**

Il-konvenuti appellanti jressqu lment ukoll fir-rigward il-pagament li sar mill-Bank lid-Dwana fis-sens li ma jaqblux ma' dak li nghad mill-ewwel Qorti li l-problema tal-hlas tad-Dwana tirrigwarda biss lis-socjetà konvenuta, peress li ladarba l-Bank ghamel hlas ta' dazju li addebita fil-kont, isostnu li l-Bank kellu obbligu li jipproduci l-ircevuta relattiva tad-dwana. Isostnu li l-ilment taghhom jikkonsisti fil-fatt li hemm diskrepanza bejn il-pagament maghmul mill-Bank u l-ircevuta li nharget mid-Dwana, liema lment taghhom jinghad li gie mifhum hazin mill-ewwel Qorti.

Jigi osservat li dak li ma jinghadx mill-konvenuti appellanti huwa li l-addebitu maghmul mill-Bank kien isegwi talba maghmula mill-Kontrollur tad-Dwana fl-24 ta' Dicembru, 1990, (ara dokument esebit a fol. 773 tal-process), fejn ai termini tal-garanzija bankarja li kienet iggib referenza 5138 fl-ammont ta' Lm15, 000, intalab il-hlas tas-somma ta' Lm3532.86. Tabilhaqq kif osserva d-difensur tal-Bank fir-risposta tieghu, garanzija bankarja mahruga mill-Bank tikkostitwixxi obbligu li jhallas lill-beneficcjarju ammonti li ma jeccedux is-somma garantita, irrispettivament minn kull tilwima jew kontestazzjoni li jkun hemm bejn il-klijent u l-

beneficjarju. Ghalkemm il-garanzija bankarja tkun ibbazata fuq l-ezistenza ta' obbligazzjoni principali li jkun assuma l-klijent tal-Bank, tali garanzija tibqa' indipendenti. Kwindi malli l-beneficjarju, f'dan il-kaz il-Kontrollur tad-Dwana, ghamel talba ghall-hlas, il-Bank kien obbligat ihallas l-ammont mitlub minghajr obbligu li jindaga u jara jekk it-talba kenitx wahda gustifikata jew le u minghajr ebda htiega li jikseb konferma jew permess tal-konvenuti, altrimenti l-iskop tal-garanzija bankarja jispicca. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-konkluzjoni tal-perit komputista, kif addottata mill-ewwel Qorti, li l-Bank mexa b'mod korrett, u li jekk il-konvenut *nomine* kellu opinjoni divergenti dwar il-komputazzjoni tad-dazju, huwa kellu jfittex lill-Kontrollur tad-Dwana fir-rigward u mhux izomm lill-Bank responsabbli ghall-hlas li sar fuq talba ghall-hlas wara l-hrug ta' garanzija bankarja. Isegwi li dan l-ilment tal-konvenuti appellanti wkoll jirrizulta bla bazi.

**<u>Spejjez ta' *Insurance Premia*</u>**

Il-konvenuti appellanti jillmentaw li fir-rapport tal-perit komputista hemm indikazzjoni li s-somma ta' Lm375.30 giet addebitata tliet darbiet ghal assigurazzjoni, li aktarx saru bi zball u li mill-konteggi li ghamlet il-Qorti ma jidhrux li gew ikkancellati.

Ghand jinghad li l-ewwel Qorti filwaqt li elenkat numru ta' "*ilmenti ohra"*, osservat:

> "*Ilmenti li ma jifformawx parti mid-difiza tal-kumpannija konvenuta li pproponiet fin-nota tal-eccezzjonijiet. Madankollu fir-rigward ta' certu ilmenti ser tiehu beneficcju minhabba dak li rrelata l-perit komputist (ara paragrafu 6.1.6) gialadarba Bank of Valletta plc ma lmentax u ma ghamel l-ebda kritika ghall-konkluzjonjiet li wasal ghalihom u anzi jidher li jaqbel maghhom*".

Tabilhaqq dan l-ilment partikolari ma kienx jifforma parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kwindi l-Qorti ma kenitx tenuta tiehu qies tieghu. Madankollu, jigi osservat ukoll li, ladarba kienu l-konvenuti li kienu qeghdin jilmentaw dwar tali addebitu, kien jispetta lilhom jippruvaw li sar dan it-tnaqqis meta ma kellux isir. Kwindi meta l-perit komputista esprima l-fehma li seta' kien il-kaz li dan it-tnaqqis sar bi zball, kien jispetta lill-konvenut *nomine* iressaq il-prova mehtiega jew li l-*standing order* moghtija minnu kienet giet ikkancellata, jew xhud mid-ditta tal-assigurazzjoni sabiex jixhed dwar il-hlasijiet li effettivament kienu saru. Fin-nuqqas ta' prova cara ma jistghax jinghad li dan it-tnaqqis sar bi zball.

Trattati l-ilmenti partikolari, li dwarhom din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tal-ewwel Qorti, inkwantu la jista' jinghad li hija rragonevoli u lanqas li hija zbaljata, zgur li ma jregix l-argument tal-konvenuti appellanti li m'ghandhom jaghtu xejn lill-Bank attur u li l-estinzjoni tal-kreditu jwassal ukoll ghall-estinzjoni tal-garanzija. Inkwantu l-argument tal-konvenuti appellanti li kien jispetta lill-Bank li jaghmel il-

prova tal-garanzija li kellu l-konvenut personalment u li l-Bank naqas li jaghmel dan, hawn ukoll din is-sottomissjoni m'ghandhiex mill-verità, peress li kif osservat mill-ewwel Qorti, kopja tal-garanzija tinsab esebita bhala Dok. "D" a fol. 25 et seq tal-process u ma jirrizultax mill-atti li din thassret, anzi jirrizulta li l-konvenut proprio gharaf l-ezistenza taghha permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata minnu fit-8 ta' Ottubru, 1985 (ara dokument esebit a fol. 24 tal-process).

Inoltrè kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-konvenuti appellanti, d-dokument li l-konvenut *proprio* intalab li jiffirma fid-29 ta' Marzu, 1990, (esebit bhala Dok. I a fol. 252 tal-process) mhix garanzija gdida u allura prova li jew l-garanzija originali kienet thassret jew ma baqghetx fis-sehh. Izda minn qari tal-istess ittra jirrizulta:

> "*…we remind you that* ***a guarantee Lm10,000 signed by Mr. Michael Fenech is held by this Branch as security for the liabilities of Fenech Oil & Petroleum Company Limited to this Bank****, and we shall be obliged if you will sign and return to us the attached form of acknowledgement*".

Ghalhekk din l-ittra kellha sservi biex tfakkar lill-konvenut *proprio* dwar il-garanzija ffirmata minnu u mizmuma mill-Bank u ntalab jiffirmaha mhux bhala garanzija gdida, izda bhala stqarrija li rcieva l-imsemmija ittra u bhala gharfien ta' dak li kien qieghed jinghad fiha. Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, l-fatt li l-konvenut *nomine* ghazel li ma jiffirmax l-imsemmija ittra, ma jfissirx li l-garanzija moghtija minnu ma kenitx tghodd, jew spiccat kif jikkontendi l-konvenut *proprio*.

Konsidrati r-rizultanzi processwali, l-ilmenti tal-appellanti jitqiesu pjuttost frivoli u ghalhekk ser jittiehdu l-mizuri opportuni fid-decizjoni dwar l-ispejjez.

L-ahhar ilment tal-konvenuti appellanti jitratta l-fatt li l-ewwel Qorti kkundannat lis-socjetà konvenuta thallas kapital u imghax sal-31 ta' Ottubru, 1991, meta fic-citazzjoni l-Bank talab biss bilanc li kien ippretenda li s-socjetà konvenuta kienet debitrici tieghu, kwindi jissottomettu li kellu jigi likwidat ammont wiehed. Ghandu jinghad li mit-talbiet fic-citazzjoni jirrizulta li t-talbiet attrici ta' hlas ta' Lm19,240.59,5 kien jinkludi l-imghax sal-1 ta' Ottubru, 1991, il-fatt li fid-*decide* taghha l-ewwel Qorti ghamlet distinzjoni bejn il-kapital likwidat u l-imghax komputat sal-31 ta' Ottubru, 1991 (data tal-prezentata tac-citazzjoni), ma jfissirx li l-ewwel Qorti akkordat xi haga lil hinn minn dak pretiz mill-Bank attur. Dan jinghad peress li t-talba attrici kienet tinkludi "*flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1991, sad data tal-effettiv pagament*". Ghamlet sew l-ewwel Qorti li ddistingwiet bejn il-kapital u l-imghax, altrimenti possibilment seta' jintalab hlas ta' imghax fuq imghax, meta ma kellux ikun il-kaz u ladarba akkordat l-imghax, li wara kollox kien mitlub,u huwa legalment dovut, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni appellata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti Michael Fenech *proprio* et *nomine* billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru, 2014, fl-ismijiet premessi fis-shih.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez kollha relattivi ghall-appell jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom u b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tordna li dawn ihallsu spejjez doppji.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb